# L-Użu tal-ICT mill-Familji: 2023

NR042/2024 Data tal-Ħruġ: 04 ta' Marzu 2024

*Fl-2023, disgħa minn kull 10 persuni li għandhom bejn is-16 u l-74 sena għamlu użu mill-internet.*



**L-użu tal-internet mill-individwi**

L-Istħarriġ dwar l-Użu tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni mill-Familji, li parti minnu kien iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, wera li fost dawk fl-età ta' bejn is-16 u l-34 sena kważi kulħadd għamel użu mill-internet fl-2023, filwaqt li b'rata ta' 68.7 fil-mija, in-nies fl-età ta' bejn il-65 u l-74 sena huma dawk li l-inqas jużawh (Tabella nru 2). Madankollu, l-użu tal-internet f'Malta kien 0.7 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE-27 (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Il-persentaġġ ta' individwi li jużaw l-internet [1]




[1] Jinkludi biss persuni li użaw l-internet fi żmien tliet xhur qabel il-ġbir tad-data (ara Tabella nru 2).

Instab li l-internet kien użat l-aktar għal għanijiet ta' komunikazzjoni bi 98.6 fil-mija tal-individwi jużawh għal dan il-għan. Barra minn hekk, 94.3 fil-mija tan-nies stqarru li jużaw l-internet għall-informazzjoni (Tabella nru 3).

## Ċart nru 2. L-attivitajiet ewlenin għall-użu tal-internet maqsumin bis-sess [1]




[1] Jinkludi biss persuni li użaw l-internet fi żmien tliet xhur qabel il-ġbir tad-data (ara Tabella nru 2).

Noti:

1. Għal aktar tagħrif fuq l-attivitajiet tal-internet, ara n-nota metodoloġika nru 4.
2. Il-kategoriji ma jeskludux lil xulxin.

### Servizzi tal-Gvern Elettroniku

Bejn l-2022 u 2023, l-għadd tan-nies li jagħmlu użu mis-servizz elettroniku tal-Gvern żdied b'5.6 fil-mija. B'kollox, in-nies li daħlu fis-siti tal-Gvern Elettroniku laħqu l-282,794, li jiġu 74.3 fil-mija tan-nies li jużaw l-internet. Nies fl-età ta' bejn is-16 u l-44 sena kienu dawk li l-aktar li għamlu użu minn dan is-servizz. Ma kienx hemm differenza kbira bejn l-irġiel u n-nisa fejn jidħol l-użu tas-Servizzi tal-Gvern Elettroniku (Tabella nru 5).

### Il-Kummerċ Elettroniku

Fiż-żmien ta' riferenza, in-nies li użaw l-internet sabiex jagħmlu xi xiri laħħaq il-246,753 (64.8 fil-mija). Il-biċċa l-kbira tagħhom (56.6 fil-mija) kellhom bejn il-25 u l-44 sena (Tabella nru 6). Il-kunsinni mir-restoranti, mill-ħwienet li jservu ikel ta' malajr jew tal-forniment ta' ikel, u l-ilbies kienu l-aktar żewġ affarijiet li ġew mixtrija online (Tabella nru 7). Bis-sess, dehru differenzi fix-xiri online tant li l-irġiel aktar għażlu tal-ewwel, filwaqt li n-nisa aktar għażlu tat-tieni.

F'dak li għandu x'jaqsam max-xiri ta' abbonamenti, l-aktar komuni kienu s-servizzi ta' streaming jew tniżżil ta' films jew sensiliet (Tabella nru 8).

### Ħiliet diġitali

Sebgħa minn kull 10 persuni li użaw l-internet kellhom ħiliet diġitali ġenerali 'bażiċi' jew 'iżjed minn bażiċi' b'individwi ta' bejn is-16 u l-24 sena jkunu dawk li l-aktar għandhom ħiliet diġitali 'iżjed minn bażiċi' (Tabella nru 9). L-oqsma fejn persentaġġ għoli ta' individwi juru ħila huma 'l-ħiliet tal-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni' u 'l-ħiliet fil-litteriżmu tal-informazzjoni u d-data'. Fiż-żewġ oqsma, aktar minn 87 fil-mija ta' dawk li jużaw l-internet juru għarfien 'iżjed minn bażiku' (Tabella nru 10).

## Ċart nru 3. Il-frekwenza tal-użu tal-internet bil-grupp tal-età

